**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Novembru, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 371/2015**

**Edgar u Judith konjugi Mercieca**

**vs**

**Norman Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-22 ta' April, 2015 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni
1. Illi l-esponent u martu Judith Mercieca huma l-genituri ta' Sharon Aquilina mart il-konvenut li minnu hija separata legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Dicembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo (Dok. A).

2. Illi f'April 2005, meta binthom u l-konvenut kien ghadhom flimkien, huma riedu jixtru l-bungalow bil-garage 7/9 f'Triq Nofsinhar, Madliena, Swieqi u peress li ma kellhomx flus bizzejjed biex jakkwistawha, l-esponenti ghenuhom fil-finanzjament billi silfuhom is-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) (Dok. B u C), illum tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), sabiex setghu jiffirmaw il-konvenju relattiv. Sussegwentement il-konjugi Aquilina iffinalizzaw l-akkwist tal-fond fuq imsemmi permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar (Dok. D) fejn il-konjugi Aquilina isselfu finanzjament ulterjuri minghand l-HSBC Bank Malta plc.

3. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn binthom u l-konvenut, fil-klawsola tlieta u ghoxrin (23), Porzjon A, v. - porzjon assenjata lil konvenut, l-istess konvenut assuma r-responsabbilta esklussiva ghal hlas ta' kull self li kienu hadu sabiex jakkwistaw il-bungalow fuq imsemmi.

4. Illi sussegwenti ghas-separazzjoni ta' binthom, l-esponent u martu talbu lil konvenut sabiex jirrifondilhom is-somma mislufa fuq imsemmija izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Raguni tat-talba

1. Peress illi l-atturi huma l-genituri ta' Sharon Aquilina, mart il-konvenut li minnu hija separata legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Dicembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo (Dok. A).

2. Peress illi f'April 2005, l-atturi silfu lil binthom u l-konvenut is-somma ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) (Dok. B u C), sabiex jghinuhom fil-finanzjament ghall-akkwist tal-bungalow bil-garage, numri seba (7) u disa (9) fi Triq Nofsinhar, Madliena, Swieqi, liema somma fil-fatt thallset fuq il-konvenju relattiv ghall-akkwist tal-fond fuq imsemmi.

3. Peress illi fil-fatt bint l-atturi u l-konvenut iffinalizzaw l-imsemmi akkwist permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar (Dok. D).

4. Peress illi fil-klawsola tlieta u ghoxrin (23), Porzjon A, subparagrafu v, il-konvenut assuma r-responsabbilta esklussiva ghar-rifusjoni ta' kull self maghmul minnu u martu ghall-akkwist tal-fond fuq imsemmi.

5. Peress illi wara l-iffirmar tas-separazzjoni bejn bint l-atturi u l-konvenut, l-atturi talbu lil konvenut sabiex jirrifondilhom is-somma mislufa izda dan baqa' inadempjenti.

Talbiet

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) dovuta lilhom kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-rnandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment u bl-imghax legali mill-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi ghad illi huwa minnu illi s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) giet verament avvanzata mill-atturi lil Sharon Aquilina mart il-konvenut, mhuiex minnu illi l-konvenut qatt issellef dik is-somma minnghand l-atturi, sew wahdu jew flimkien mal-imsemmija martu Sharon Aquilina, billi skont dak mistqarr lill-eccipjent sew minn martu Sharon Aquilina u kif ukoll mill-istess atturi fl-epoka meta sar l-avvanz tal-imsemmija somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), l-istess somma kienet giet moghtija mill-attur gratuitament lil Sharon Aqulina bhala donazzjoni lill-unika wild taghhom u ghalhekk giet meqjusa bhala bhala kreditu partikolari taghha kontra l-gid kommuni tal-istess konjugi meta l-eccipjent u l-imsemmija martu infirdu.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa eccepit, illi ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument u kontrarjament ghall-fatti maghrufa lill-eccipjent, jitqies l-imsemmija somma ta' €23,293.73 giet mislufa u mhux mghotija lil Sharon Aquilina b'donazzjoni, huwa ulterjorment eccepit illi
a. l-istipulazzjoni maghmula mill-eccipjent u l-imsemmija martu fil-kuntratt ta' separazzjoni u invokata mill-atturi ma tghoddx ghas-somma pretiza, anke jekk meqjusa bhala mislufa billi kien car bejn il-partijiet illi dik l-istipulazzjoni kienet tirrigwarda biss id-djun bankarji.
b. l-imsemmija stipulazzjoni - ukoll kieku stess kienet tinkludi is-somma pretiza - hija res inter alios ghall-atturi b'mod illi l-konvenut jkun f'dak il-kaz responsabbli biss ghal sehem ta' nofs dik is-somma filwaqt illi l-imsemmija Sharon Aquilina ghandha thallas s-sehem ta' nofs l-iehor tal-istess dejn. Dan jgib illi huma Qrati tal-Magistrati illi ghandhom il-kompetenza ratione valoris illi jisimghu t-talba tal-atturi fil-konfront tal-eccipjent.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut li eccepixxa l-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-atturi qed jitolbu l-hlas lura ta' self ta' Lm10,000 li huma ghamlu lil konvenut u martu Sharon, bint l-atturi, biex jghinuhom jakkwistaw proprjeta immobbli waqt li l-konvenut u bint l-atturi kienu ghadhom mizzewgin. Dan l-allegat self sar f'April 2005. Huma jsostnu illi meta binthom isseparat mill-konvenut fl-2013, il-konvenut intrabat fil-kuntratt ta' separazzjoni klawsola 23 li jhallas kull self li hadu l-konvenut u martu ghall-akkwist tal-proprjeta.

Il-konvenut isostni li ghalkemm ghaddew il-flus imsemmija, din kienet donazzjoni maghmula mill-atturi lil binthom u meqjusa bhala kreditu partikolari taghha kontra gid tal-komunjoni meta l-kontendenti nfirdu. Isostni ulterjorment illi jekk l-ammont mghoddi jitqies bhala self, dan is-self sar ma' martu biss u hu qatt ma qabbad lil

martu taghmel xi dejn apparti li jsostni li fil-fatt martu qatt ma ghamlet dejn mal-genituri taghha.

Subordinatament isostni li jekk is-somma kellha titqies bhala self, il-klawsola 23 fis-separazzjoni kienet tirrigwarda biss self bankarju, u jekk titqies li l-klawsola hi applikabbli, tali klawsola hi res inter alios ghall-atturi, u martu trid taghmel tajjeb ghal nofs id-dejn.

Jibda biex jinghad illi hemm nuqqas ta' qbil car bejn il-partijiet dwar il-bazi legali kif waslu l-flus ghand il-konvenut u martu, ghalkemm hemm qbil illi fil-fatt l-atturi ghaddew Lm10,000 lil partijiet konsistenti f'zewg cheques wiehed ta' Lm4,000 u iehor ta' Lm6,000, wiehed intestat lil Sharon Aquilina u l-iehor intestat lil konvenut, it-tnejn datati 25 ta' April 2005 (fol. 9 u 10 tal-process), liema cheques gew depozitati fil-kont tal-konvenut fit-28 ta' April 2005 (fol. 65 tal-process). L-atturi u binthom Sharon jinsistu illi l-konvenut ma kellux bizzejjed flus kontanti biex jersaq u jhallas id-depozitu fuq il-konvenju tad-dar li l-konjugi Norman u Sharon Aquilina riedu jixtru u kien ghalhekk li Sharon talbet l-ghajnuna tal-genituri taghha li ghaddew lil koppja s-somma msemmija. Il-konvenut jichad li kellu bzonn flus biex jersaq ghal konvenju izda kienet biss inizjattiva ta' martu li ad insaputa tieghu kellmet lil genituri taghha dwar id-dar li huma ser jixtru u dawn tawha Lm10,000, u mbaghad infurmatu b'dan. Hemm nuqqas ta' qbil car bejn l-atturi u l-konvenut fejn l-atturi jsostnu li wara li ghaddew il-flus ghamluha cara li dan kien self bla imghax u li ma kienx hemm data ghal hlas lura mentri l-konvenut jghid illi hu irringrazzja lil atturi u huma ma semmewx li dan kien self.

Bhala kwistjoni legali jigi riportat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fil-kawza **Albert Fiorentino vs Rebecca Attard**, (19/05/2004 nru. 351/2002/1) fejn intqal hekk:

> Kif manifest mill-aggravju u mil-linja difensjonali assunta mill-konvenuta appellanti din tikkampa t-tezi taghha fuq il-fatt tad-donazzjoni tal-oggetti moghtija lilha mill-attur, bl-eccezzjoni ta' mejda. Apparti l-kwestjoni tal-aspett oggettiv tal-materja ossija tal-att materjali, li f'dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta, d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova tal-animu tal-liberalita.

> Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416 "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobbli moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat,u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn iddonatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".
> Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta' l-allegata donazzjoni.
> Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari ... (Kollez Vol XXXII pII p472).
> Din il-Qorti irriezaminat bir-reqqa l-provi biex tara jekk ghandhiex issostni l-versjoni l-wahda ta' semplici self, kif propunjata mill-attur, jew il-versjoni propulsa mill-konvenuta li si tratta ta' donazzjoni. Tistqarr mill-ewwel illi jezistu cirkostanzi wisq ekwivoci biex minnhom il-Qorti tkun tista' tinduci b'dak il-grad ta' konvinzjoni morali li saret donazzjoni effettiva tal-oggetti in kwistjoni.

Hu indubbju li bejn il-konvenut u l-atturi kien hemm relazzjoni familjari essendo bint l-atturi kienet mart il-konvenut. Il-Qorti tqis ukoll illi l-fatti kienu illi l-konvenut, minhabba kwistjoni ta' zmien kellu bzonn somma kontanti biex jaghmel tajjeb ghal depozitu fuq konvenju u illi l-genituri ta' martu kienu lesti jghinu. Fil-fatt hekk ghamlu billi l-attrici harget zewg cheques mill-kont tan-negozju taghha ghal dan l-iskop. Imkien ma jirrizulta b'mod car u inkonfutat illi din kienet donazzjoni. Dak li jirrizulta car hu li f'mument ta' bzonn l-atturi kienu lesti jghinu lil binthom u zewgha. Din ma ssarrafx f'donazzjoni, prova li trid tingieb b'mod inkonfutabbli mill-konvenut. Hu minnu illi qabel inqalghu l-problemi matrimonjali bejn il-konvenut u martu cioe circa tmien snin wara, il-kwistjoni ta' dawn il-flus ma taqjmitx formalment izda din il-Qorti ma tqis tali prova bhala dikjarazzjoni implicita da parti tal-atturi li din kienet donazzjoni. Ma hemm xejn anormali illi genituri jghaddu flus lil uliedhom mizzewwgin f'mument ta' bzonn bla kondizzjoni ta' imghax jew radd lura tal-ammont fi zmien determinat. Dan ma jfissirx li l-ghotja tittrasforma ruhha f'donazzjoni u mhux self. Il-Qorti mhix ser tidhol f'dan il-mument fil-mertu tax-xiehda tal-partijiet li naha wahda jsostnu li s-self kien rikonoxxut mill-konvenut mentri l-konvenut jichad tali rikonoxximent. Dak li jrid jigi stabbilit f'din l-ewwel parti tas-sentenza hu n-natura tan-negozju.

Ma' dan jizdied il-fatt li l-ammont mghoddi lil bint l-atturi u lil konvenut ma kienx wiehed traskurabbli jew moderat li allura ma kienx jinnecessita ebda formalita notarili hlief it-trasferiment tal-flus minn id ghal ohra u dan kif trid il-ligi fl-artikolu 1753 tal-Kap. 16. L-ammont ta' Lm10,000 kemm fl-2005 u kemm illum hi somma li ma tistx titqies wahedha bhala ghotja gratwita nonostante l-parentela bejn il-kontendenti. Ma ngiebet ebda prova mill-parti li qed tallega d-donazzjoni dwar l-istat ekonomiku tal-persuni involuti, partikolarment tal-atturi li dwarhom ma tressqet ebda prova li tali somma kienet biss qatra komparat mal-istat finanzjarju taghhom.

Hu wkoll ta' relevanza l-fatt illi meta nqalghu problemi matrimonjali bejn il-konvenut u martu, tqajmet il-kwistjoni tal-flus mghoddija mill-atturi. Din ma kinitx kwistjoni li tqajment wara s-separazzjoni, ghal gharrieda u bla hjiel izda tqajmet fil-mori tas-separazzjoni. Dan hu indikattiv illi l-atturi ma kienux insew l-ghotja li l-prezunjzoni ghandha tkun li ma kinitx donazzjoni izda self. Ma jirrizultax illi l-passivita tal-atturi mill-2005 sal-2013 kienet timplika xi remissjoni tal-kreditu dovut lilhom li ssarraf ghalhekk f'donazzjoni (ara **Vol XXV.II.368**).

Ma' dan jizdied ukoll il-fatt illi ghalkemm l-atturi ammettew li kienu jaghtu rigali lil binthom u zewgha pero dawn kienu jkunu ghotjiet ta' oggetti b'valur zghir u din kienet l-unika okkazzjoni li hargu somma flus ta' dik l-entita biex jghinu lil binthom u zewgha fix-xiri tad-dar.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-provi kontrastanti bejn il-partijiet kif ukoll l-entita tat-trasferiment ta' flus li sar mill-attur lil binthom u l-konvenut ma tistax titqies bhala donazzjoni.

**Preskrizzjoni**

Darba stabbilit illi kien hemm self ta' Lm10,000 maghmula ghax-xiri tad-dar tal-konjugi Aquilina, trid titqies l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut a bazi tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 li jghid li azzjoni ghal hlas lura ta' self li ma jirrizultax

minn kuntratt pubbliku hi preskritta b'gheluq hames snin. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Paolo Calleja vs Luigi Vella**, (App Kumm 15/06/1964):

> Meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin kienu ghalqu. Jekk dan gie pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interott.

Jidher illi bejn l-2005 u l-2013 l-atturi qatt ma talbu lura l-hlas u dan jista' jimmilita kontra l-atturi pero huma jsostnu li l-konvenut irrikonoxxa d-debitu. Kif inghad fl-ewwel parti tas-sentenza l-konvenut dejjem cahad li hu accetta li l-genituri ta' martu selfuhom is-somma mghoddija ta' Lm10,000 filwaqt li l-atturi jixhdu li l-konvenut irrikonoxxa s-self u l-obbligu tal-hlas. Bhal ma jigri f'hafna kazijiet fejn ikun hemm konflitt ta' provi rizultanti mix-xiehda jridu jitqiesu fatti cirkostanzjali li jistghu jitfghu dawl fuq dak allegat.

Il-Qorti wara li qieset il-provi, tara li l-konvenut irrikonoxxa li kien hemm debitu fil-konfront tal-genituri ta' martu. Dan jirrizulta fil-fehma tal-Qorti minn dak li sehh waqt it-trattattivi tas-separazzjoni. Jidher li malli bdew it-trattattivi tqajmet il-kwistjoni dwar il-kreditu dovut lil genituri ta' mart il-konvenut. L-avukat tal-konvenut Dr Raphael Fenech Adami xehed illi l-konvenut dejjem cahad li kien debitur pero harsa lejn l-abbozzi u emails li ghaddew bejn id-difensuri tal-partijiet turi stampa mod iehor. Jidher li s-separazzjoni damet circa sitt xhur qabel il-partijiet waslu ghal ftehim. Fl-abbozzi mibghuta minn Nutar Burlo li rrediga l-kuntratt ta' separazzjoni cioe l-abbozz tat-3 ta' Lulju 2013 u 11 ta' Lulju 2013 ma jissemma xejn dwar il-kreditu tal-atturi u jissemma biss is-self ghall-akkwist tal-proprjeta li kien a karigu tal-konvenut. Jissemma ghall-ewwel darba fl-abbozz tat-18 ta' Lulju 2013 bhala klawsola ghal rasha u fejn il-konvenut u martu jidher li kellhom jassumu nofs id-dejn kull wiehed. Fl-abbozz tat-13 ta' Awwissu 2013 pero hemm referenza ghall-istess debitu u fejn in-nofs dovut mill-konvenut lil atturi kien ser jigi pacut ma' nofs il-valur tal-vettura li l-konvenut kien ser jassenja lil martu. Wara dak l-abbozz kull ma jirrizulta mill-atti hu l-abbozz tas-16 ta' Dicembru 2013 fejn kull referenza ghal-kreditu tal-atturi tnehhiet. Dawn l-abbozzi jinsabu a fol. 77 et seq. tal-process. Dak li hu rilevanti pero hu email tal-14 ta' Awwissu 2013 mibghuta mill-avukat ta' mart il-konvenut lil avukat tal-konvenut (fol. 226 tal-process) fejn l-avukat ta' Sharon Aquilina

oggezzjonat ghal kondizzjoni li nofs id-dejn dovut mill-konvenut lil genituri taghha kellu jigi pacut ma' nofs il-valur tal-vettura li l-konvenut kien lest jitrasferixxi lil martu.

Ghalkemm il-korrispondenza bejn il-konjugi Aquilina riferibbli ghas-separazzjoni ssir bla pregudizzju pero din l-email turi illi kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut, kien qed jirrikonoxxi li kien hemm self dovut lil genituri ta' martu u kienu qed jippruvaw isibu soluzzjoni a rigward. Li kieku ma kienx hekk, il-konvenut ma kienx ser jipproponi soluzzjoni f'dan is-sens anki jekk hu probabbli li l-kwistjoni tal-kreditu tal-atturi tqajjem inizjalment minn mart il-konvenut. Il-fatt li wara ma regghax issemma ma tinnewtrallizatx il-portata tal-klawsola li mill-istess email jidher li giet proposta mill-konvenut tramite l-avukat tieghu fl-abbozz tat-13 ta' Awwissu 2013. Din fil-fehma tal-Qorti turi li hemm rikonixximent ta' debitu da parti tal-konvenut u illi l-preskrizzjoni ecceptia ma tapplikax f'dan il-kaz biex tinnewtralizza l-azzjoni.

**Ammont dovut**

L-atturi jsostnu li l-konvenut hu obbligat ihallashom is-somma shiha ta' Lm10,000. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom isostnu dan fuq zewg premessi principali. L-ewwel wiehed huwa a bazi tal-kuntratt ta' separazzjoni li kif inghad qabel, l-artikolu 23 tal-kuntratt ta' separazzjoni jitfa' obbligu fuq il-konvenut li jhallas id-djun kollha ghax-xiri tad-dar. Ghalkemm il-Qorti tqis li l-klawsola dwar il-kreditu dovut lil atturi dejjem saret ghal rasha u tnehhiet mill-kuntratt finali, l-artikolu 23 dwar id-debitu ghal hlas tas-self dejjem baqghet kif kienet li jwassal lil Qorti tikkondividi dak li xehed il-konvenut illi din il-klawsola kienet tirreferi ghad-dejn tal-bank ghax-xiri tad-dar. Madankollu, l-kuntratt tas-separazzjoni u l-kondizzjonijiet hemm inkluzi huma applikabbli fil-konfront tal-partijiet ghas-separazzjoni u mhux terzi (f'dan il-kaz l-atturi) li ma jkunux specifikament inkluzi fil-kuntratt, in kwantu il-kuntratt ta' separazzjoni huwa *res inter alios acta.* Isegwi li l-argumenti mressqa mill-atturi a bazi tal-artikolu 1002 tal-Kodici Civili, dwar meta jigi adoperat kliem car f'kuntratt, li ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni, mhux meqjus rilevanti ghall-kaz in ezami, peress li dak il-kuntratt ma ghandux stat fil-konfront tal-atturi.

L-argument l-iehor principali mressaq mill-atturi, huwa illi ghakemm originarjament, permezz tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju, 2014, huma kienu qeghdin jitolbu l-hlas lura tas-self moghti minnhom, kemm minghand il-konvenut, kif ukoll minghand binthom, dan kien qieghed isir fil-vesti solidali bejn il-konjugi Aquilina, peress li meta giet mislufa s-somma flus lilhom kienet tezisti l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. L-atturi ghalhekk jargumentaw illi bhala kredituri, kellhom l-ghazla u d-dritt li jgeghlu kull wiehed mid-debituri li jhallas id-dejn kollu, kif effettivament qeghdin jaghmlu permezz tal-kawza odjerna. Dan a tenur tal-artikolu 1096 tal-Kodici Civili.

Tabilhaqq din il-Qorti tinsab konvinta l-s-self sar kemm lill-konvenut, kif ukoll lill-bint l-atturi. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet xejn anqas mill-ammissjoni tal-atturi stess meta jammettu li huma sellfu lil binthom u lil konvenut flimkien (ara kontroezami tal-attur Edgar Mercieca fol. 152 tal-process u kontroezami tal-attrici Judith Mercieca fol. 192 tal-process). In oltre l-iskrittura ta' rikonoxximent ta' dejn li saret mill-atturi u li ma gietx iffirmata mill-konvenut (fol. 228 tal-process) tirrikonoxxi li d-debitu hu ta' binthom u zewgha flimkien. L-ittra legali li ntbaghtet mill-atturi fid-19 ta' Frar 2014 lil konvenuti turi illi dak li kienu qed jitolbu minnu hu nofs l-ammont ta' Lm10,000. Jidher li l-atturi biddlu fehmithom meta fethu l-kawza odjerna. Kwindi jehtieg li tigi investita din is-sottomissjoni tal-atturi a bazi tal-principju ta' solidarjeta bejn il-konjugi.

In tema legali dwar is-solidarjeta bejn il-konjugi jinhass opportun li ssir referenza estensiva ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, tad-9 ta' Novembru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Sciberras et vs Youssef Rhouri et** fejn inghad hekk:

> Premessi dawn il-fatti jibda biex jigi osservat illi in tema ta' solidarjeta ta' obbligazzjoni din trid tkun jew stabbilita bil-ligi jew espressament mifthema (Artikolu 1089, Kodici Civili). Li jfisser illi allura s-solidarjeta` ma tistax tigi prezunta (ara **Kollez. Vol. XXX P II p 82; Vol. XLII P II p 928**). Huwa biss fl-obbligazzjonijiet kummercjali, ex Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, li hu prezunt li l-kondebituri huma obbligati *in solidum* jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju (ara **Kollez Vol. XXXVIII P I p 343**);
>
> Fil-fattispecje jirrizulta li l-konvenuti huma mizzewga, jew ghallanqas hekk kienu, meta kkuntrattaw il-lokazzjoni, kienu in mora fil-hlas u fil-mument li gew azzjonati ghall-hlas. Din is-sitwazzjoni ggib li l-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien taghmel tajjeb ghad-djun naxxenti *inter alia* minn "kull obbligu li

jintrabtu ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin" [Artikolu 1327 (d), Kodici Civili]. Issa l-komunjoni ta' l-akkwisti huwa istitut specjali fil-ligi taghna li jirrapprezenta bhala socjeta` partikolari (**Kollez. Vol. XXX PI p 18**). Dak li hu cert pero hu li l-komunjoni mhix dotata b'personalita` guridika in bazi ghall-precitat artikolu tal-Kodici Civili u dawk id-disposizzjonijiet l-ohra annoverati taht is-Sub-Titolu III (Fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti) ta' l-istess Kodici;

Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f' komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali solidarjeta` tohrog mill-kuntrattazzjoni innifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjeta` tidderivi minn provvediment specifiku tal-ligi. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tliet elementi fundamentali taghha u cjoe (a) **pluralita` ta' soggetti**; (b) **l-*idem debitum***; u (c) ***eadem causa obligandi***. Ir-*ratio*, imbaghad, ta' din is-solidarjeta` huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant li l-kredituri - salv ghall-kwestjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu proprju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322 (3) (d), Kodici Civili - setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kon-titolari tal-kirja, kif hekk jiddixxiplina l-Artikolu 1094, Kodici Civili;

Is-sentenza in re: "**Giuseppe Cachia -vs- Dr. Vincenzo Grech *et nomine***" riportata a **Vol. V pagna 329** filwaqt li tirriafferma illi s-solidarjeta` ma hi qatt prezunta, tissokta tosserva a propozitu illi "*giusto l' articolo 800* (illum Artikolu 1094, Kodici Civili) *l' obbligazione è solidaria per parte dei debitori, quando essi sono obbligati ad una medesima cosa, in maniera che ciascuno di essi possa essere costretto al pagamento della totalita` ...*";

Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f' regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f' kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta;

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-konvenut u bint l-atturi kienu fl-2005 mizzewga, meta sar is-self da parti tal-atturi. Isegwi li l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut flimkien ma' martu kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni ta' self li jikkwalifika kemm bhala obbligu li ntrabtu ghalih flimkien a tenur tal-artikolu 1327(d), kif ukoll bhala dejn civili taht l-artikolu 1327(f).

Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi fil- komunjoni tal-akkwisti, huwa kondebitur solidali.

L-artikolu 1330 tal-Kodici Civili jikkonferma s-solidarjeta bejn il-konjugi, tant li jipprovdi ghac-cirkostanzi fejn il-beni parafernali ghandhom ikunu suggetti ghad-djun tal-komunjoni, fejn il-beni tal-komunjoni ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkun piz fuqhom. Hekk ukoll f'dan il-kaz, fejn il-komunjoni bejn il-konjugi ma ghadhiex fis-sehh, il-Qorti tqis illi t-talba attrici ghandha tintlaqa' ghall-ammont shih mitlub fil-konfront tal-konvenut, salv ghal kull dritt ta' rivalsa li l-konvenut jista' jkollu kontra bint l-atturi, bhala ko-debitrici sabiex thallsu lura s-sehem taghha tad-dejn imhallas minnu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkluz dik tal-preskrizzjoni sollevata minnu u tilqa' t-talbiet tal-atturi ghall-ammont shih mitlub minnhom cioe s-somma ta' €23,293.73, kif hawn qabel inghad. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur